REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1537

tal-25 ta' Lulju 2023

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istatistika dwar l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għandha tiġi trażmessa għas-sena ta' referenza 2026 matul ir-reġim tranżitorju 2025–2027 u fir-rigward tal-istatistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009 u (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4(6), 5(10), 9(4) u 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2022/2379 jistabbilixxi qafas integrat għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fir-rigward tal-inputs u l-outputs agrikoli.

(2) Ir-regoli tranżitorji dwar is-suġġett dettaljat tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura japplikaw għas-snin 2025, 2026 u 2027, kif stabbilit fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2022/2379. Skont dawn ir-regoli, id-*data* dwar l-użi għandha tintbagħat darba biss, għas-sena ta' referenza 2026.

(3) L-istatistika dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jenħtieġ li tinġabar kull sena mis-sena ta' referenza 2025 'il quddiem.

(4) Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-rekwiżiti tad-*data* għall-produzzjoni tal-istatistika dwar l-inputs u l-outputs agrikoli fir-rigward tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti sabiex tiġi prodotta *data* komparabbli bejn l-Istati Membri u biex tinkiseb l-armonizzazzjoni.

(5) Ir-Regolament (UE) 2022/2379 jistabbilixxi li d-*data* statistika li tkopri d-dimensjoni tal-produzzjoni organika hija essenzjali għall-monitoraġġ tal-progress tal-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika fl-Unjoni. L-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fil-produzzjoni organika huwa parti importanti minn dik id-*data*.

(6) Skont l-Artikolu 5(10) tar-Regolament (UE) 2022/2379, dan ir-Regolament jispeċifika l-elementi tekniċi tad-*data* li għandha tiġi pprovduta. Dawk l-elementi jikkonsistu fil-lista ta' varjabbli, id-deskrizzjonijiet tal-varjabbli, l-unitajiet ta' osservazzjoni, ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni li għandhom jiġu applikati, ir-regoli metodoloġiċi li għandhom jiġu applikati, u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data*.

(7) Il-kopertura tas-settijiet tad-*data* jenħtieġ li tiġi speċifikata lil hinn mir-rekwiżiti fl-Artikoli 4(1) u 4(5) tar-Regolament (UE) 2022/2379, fejn xieraq, biex jiġu evitati inkonsistenzi bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari, huwa meħtieġ, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2022/2379, b'deroga mill-Artikolu 4(5), il-punt (b), li tiġi speċifikata lista komuni ta' għelejjel għall-Istati Membri kollha biex jipprovdu informazzjoni dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-lista, flimkien mal-artijiet bil-ħaxix permanenti, jenħtieġ li tkopri 75 % tal-erja agrikola utilizzata fil-livell tal-Unjoni. Din il-lista tista' tiġi kkomplementata mill-Istati Membri b'għelejjel nazzjonali rilevanti.

(8) Il-perjodi ta' referenza msemmija fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2022/2379 jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar.

(9) Il-kopertura tas-settijiet tad-*data* tista' tiġi kkunsidrata mill-ġdid biex tinkludi statistika dwar l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għat-trattament taż-żrieragħ u tal-ħżin malli jitqies fattibbli mil-lat tekniku.

([1]) ĠU L 315, 7.12.2022, p. 1.

(10) Sabiex l-istatistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti tinżamm konsistenti mal-aġġornamenti regolari tal-lista ta' sustanzi attivi approvati, jeħtieġ li tiġi allinjata mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]).

(11) L-istatistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti hija meħtieġa għall-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni u l-politiki rilevanti li jappoġġaw l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Patt Ekoloġiku, u l-miri relatati tagħhom.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika kif stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Rekwiżiti tad-*data*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-*data* rigward il-qasam tal-istatistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2022/2379 fil-forma ta' settijiet tad-*data* aggregati.

2. L-istatistika għandha tkopri:

(a) is-sustanzi attivi kollha kif speċifikati fil-punti (i) u (ii) ta' dan l-Artikolu u li jinsabu fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 9 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), inklużi dawk imqiegħda fis-suq skont permess għall-kummerċ parallel kif imsemmi fl-Artikolu 52 ta' dak ir-Regolament:

   (i) is-sustanzi attivi elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011;

   (ii) is-sustanzi attivi li jinsabu fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għajr dawk imsemmija fil-punt (i), u irrispettivament mill-istatus tal-approvazzjoni tagħhom;

(b) l-użu tas-sustanzi attivi msemmija fil-punt (a) mill-utenti professjonali fl-agrikoltura.

3. Id-*data* għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) fil-livell nazzjonali.

Artikolu 2

Settijiet tad-*data*

1. Il-kontenut tad-*data* tas-settijiet tad-*data* huwa speċifikat fl-Anness I għas-suġġetti dettaljati

(1) Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq;

(2) Użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

2. Għal kull sett tad-*data*, it-Taqsima I fl-Anness I tispeċifika:

(1) deskrizzjoni tal-kontenut tad-*data;*

(2) il-varjabbli li għandhom jiġu pprovduti dwar il-produzzjoni organika;

(3) l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat);

(4) il-perjodi ta' referenza;

(5) l-unitajiet tal-kejl.

3. Għal kull sett tad-*data*, it-Taqsima II fl-Anness I tispeċifika, fejn xieraq:

(1) deskrizzjoni tal-unitajiet tal-kejl;

(2) rekwiżiti tekniċi possibbli relatati mal-varjabbli.

Artikolu 3

Rekwiżiti tal-kwalità

Meta l-ġbir tad-*data* jitwettaq abbażi ta' kampjuni statistiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ponderati jkunu rappreżentattivi għall-popolazzjoni statistika fl-unità ġeografika rilevanti. Meta r-rekwiżiti ta' preċiżjoni ma jkunux applikabbli, pereżempju minħabba sorsi oħra għajr stħarriġ statistiku, il-kwalità tal-istatistika għandha tiġi żgurata b'mezzi oħra sabiex tkun rappreżentattiva tal-ambitu li tiddeskrivi, u għandha tissodisfa l-kriterji ta' kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Artikolu 4

Klassifikazzjonijiet

Is-sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 1(2) għandhom jiġu rrappurtati bl-użu tal-klassifikazzjoni stabbilita fl-Anness II.

Artikolu 5

Deskrizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-deskrizzjonijiet tat-termini kif stabbiliti fl-Anness III.

Artikolu 6

Reġim tranżizzjonali

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-perjodi ta' referenza 2025-2027. Ir-regoli tar-reġim tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2022/2379 għall-perjodu 2025-2027 għandhom japplikaw biss għad-*data* dwar is-suġġett dettaljat tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

SETT TAD-*DATA* 1

Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq

Qasam:	e.	Statistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
Suġġett:	i.	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
Suġġett dettaljat:	i.1	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq

TAQSIMA I

Kontenut tad-data

Id-*data* għandha tkopri s-sustanzi attivi kollha fil-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq fl-Istati Membri matul il-perjodu ta' referenza, inklużi dawk li jitqiegħdu fis-suq taħt permess kummerċjali parallel ([1]) u/jew taħt awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza ([2]).

Kategoriji tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	**Skadenza**
	il-31 ta' Diċembru tas-sena N + 1
Sustanzi attivi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq, total	Q

N:	Is-sena li d-*data* tirreferi għaliha
Q:	Kwantità tas-sustanzi attivi mqiegħda fis-suq (kg)
Perjodu ta' referenza:	Sena kalendarja
Perjodiċità:	Annwali
Livell ġeografiku:	Nazzjonali

TAQSIMA II

Deskrizzjoni tal-unitajiet tal-kejl

Kwantità tas-sustanzi attivi: tirreferi għall-kwantità tas-sustanzi attivi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq, kif definit fl-Artikolu 1(2)(a).

Rekwiżiti tekniċi relatati mal-varjabbli

Id-*data* deskritta fit-tabella ta' hawn fuq għandha tiġi trażmessa: b'sustanza attiva waħda, skont il-klassijiet kimiċi, skont il-kategoriji tal-prodotti u skont il-gruppi ewlenin, kif muri fl-Anness II.

SETT TAD-*DATA* 2

Użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura

Qasam:	e.	Statistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
Suġġett:	i.	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
Suġġett dettaljat:	i.2	Użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura

([1]) Kif definit fl-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
([2]) Kif definit fl-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

TAQSIMA I

Kontenut tad-data

Id-*data* għandha tkopri l-erjas tal-għelejjel għal-lista komuni tal-għelejjel f'azjendi agrikoli fl-Istati Membri, ttrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-kwantitajiet tas-sustanzi attivi kollha użati matul il-perjodu ta' referenza, inklużi dawk użati taħt awtorizzazzjoni ta' emerġenza ([3]).

Karatteristiċi tal-għelejjel	**Skadenza**	
	il-31 ta' Diċembru tas-sena N + 1	
	Erja ttrattata	**Kwantità tas-sustanza attiva**
Qamħ komuni u farru	NAT, OAT	NQS, OQS
Qamħ durum	NAT, OAT	NQS, OQS
Xgħir	NAT, OAT	NQS, OQS
Żerriegħa tal-qamħirrum u taħlita taċ-ċifċiegħ tal-qamħirrum	NAT, OAT	NQS, OQS
Qamħirrum aħdar	NAT, OAT	NQS, OQS
Lift u żrieragħ tal-lift tan-nevew	NAT, OAT	NQS, OQS
Żerriegħa tal-ġirasol	NAT, OAT	NQS, OQS
Patata (inkluża patata taż-żrigħ)	NAT, OAT	NQS, OQS
Pitrava zokkrija (għajr iż-żerriegħa)	NAT, OAT	NQS, OQS
Tuffieħ	NAT, OAT	NQS, OQS
Għeneb għall-inbid	NAT, OAT	NQS, OQS
Għeneb għall-ikel	NAT, OAT	NQS, OQS
Larinġ	NAT, OAT	NQS, OQS
Żebbuġ	NAT, OAT	NQS, OQS
Kaboċċi	NAT, OAT	NQS, OQS
Zunnarija	NAT, OAT	NQS, OQS
Basal	NAT, OAT	NQS, OQS
Tadam li jitkabbar fuq barra	NAT, OAT	NQS, OQS
Tadam taħt għata tal-ħġieġ jew għolja aċċessibbli	NAT, OAT	NQS, OQS
Frawli li jitkabbar fuq barra	NAT, OAT	NQS, OQS
Frawli tas-serer jew għata għolja aċċessibli	NAT, OAT	NQS, OQS

N:	Is-sena li d-*data* tirreferi għaliha
NAT:	Erja mhux organika ttrattata (ettari)
OAT:	Erja organika (erja taħt konverżjoni u erja ċċertifikata) trattata (ettari)
NQS:	Kwantità tas-sustanzi attivi kollha użati f'erja mhux organika (kg)
OQS:	Kwantità tas-sustanzi attivi kollha użati f'erja organika (żona taħt konverżjoni u żona ċċertifikata) (kg)

([3]) Kif definit fl-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Perjodu ta' referenza:	Sena tal-ħsad
Perjodiċità:	2026
Livell ġeografiku:	Nazzjonali

TAQSIMA II

Deskrizzjoni tal-unitajiet tal-kejl

Erja ttrattata (ettari): tirreferi għaż-żona fiżika tal-għalla li għandha tinħasad, fis-sena tal-ħsad, trattata mill-inqas darba matul il-perjodu ta' referenza b'sustanza attiva partikolari kklassifikata kif muri fl-Anness II, indipendentement min-numru ta' applikazzjonijiet.

Erja mhux organika ttrattata (ettari): tirreferi għal erja ttrattata, esklużi żoni ċċertifikati organiċi jew taħt konverżjoni.

Erja mhux organika ttrattata (ettari): tirreferi għall-erja ttrattata li hija ċċertifikata organika jew taħt konverżjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

Kwantità tas-sustanza attiva (kg): tirreferi għall-ammont ta' kull waħda mis-sustanzi attivi, kif definiti fl-Artikolu 1(2)(a), klassifikati kif muri fl-Anness II, użati fuq l-għalla matul il-perjodu ta' referenza.

Kwantità użata f'erja mhux organika (kg): tirreferi għall-ammont ta' sustanzi attivi, użati fuq għelejjel maħsuda minn erjas mhux organiċi.

Kwantità użata f'erja organika (kg): tirreferi għall-ammont ta' sustanzi attivi użati fuq għelejjel minn erjas organiċi (iċċertifikati organiċi jew taħt konverżjoni).

Rekwiżiti tekniċi relatati mal-varjabbli

Id-*data* deskritta fit-tabella ta' hawn fuq għandha tiġi trażmessa: b'sustanza attiva waħda, skont il-klassijiet kimiċi, skont il-kategoriji tal-prodotti u skont il-gruppi ewlenin, kif muri fl-Anness II.

Id-*data* għandha tkopri s-sustanzi attivi kollha fil-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti użati fl-Istati Membri matul il-perjodu ta' referenza, inklużi dawk użati taħt awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza. Id-*data* għandha tinkludi t-trattamenti kollha miż-żrigħ/mit-tħawwil sa tmiem il-ħsad.

Id-*data* dwar l-erja ttrattata għandha tinġabar b'mod li jippermetti li d-*data* dwar l-erja u l-kwantità skont l-għalla (mingħajr għadd doppju) tkun disponibbli wkoll fil-livell ta' aggregazzjoni fi klassijiet kimiċi, kategoriji ta' prodotti u gruppi ewlenin.

Id-*data* għandha tinkludi s-sustanzi attivi kollha fil-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti użati fl-azjendi agrikoli (l-użu fil-faċilitajiet tal-ħżin u għaż-żrigħ taż-żrieragħ huwa eskluż).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

ANNESS II

Klassifikazzjoni tas-sustanzi attivi inklużi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

Gruppi ewlenin	Kategoriji tal-prodotti	Klassijiet kimiċi ([1])
Total tas-sustanzi attivi fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti		
Fungiċidi u batteriċidi		
	Fungiċidi inorganiċi	
		Komposti tar-ram
		Kubrit inorganiku
		Fungiċidi inorganiċi oħra
	Fungiċidi bbażati fuq il-karbamati u d-ditijokarbamati	
		Fungiċidi tal-karbanilat
		Fungiċidi tal-karbamat
		Fungiċidi tad-ditijokarbamat
		Fungiċidi oħra bbażati fuq il-karbamatiu d-ditijokarbamati
	Fungiċidi bbażati fuq il-benżimidażoli	
		Fungiċidi tal-benżimidażol
		Fungiċidi oħra bbażati fuq il-benżimidażoli
	Fungiċidi bbażati fuq l-imidażoli u t-triażoli	
		Fungiċidi tal-konażol
		Fungiċidi tal-imidażol
		Fungiċidi oħra bbażati fuq l-imidażoli u t-triażoli
	Fungiċidi bbażati fuq il-morfolini	
		Fungiċidi tal-morfolin
		Fungiċidi oħra bbażati fuq il-morfolini
	Fungiċidi ta' oriġini mikrobijoloġika jew botanika	
		Fungiċidi mikrobijoloġiċi
		Fungiċidi botaniċi
		Fungiċidi oħra ta' oriġini mikrobijoloġika jew botanika
	Batteriċidi	
		Batteriċidi inorganiċi

		Batteriċidi oħra
	Fungiċidi u batteriċidi oħrajn	
		Fungiċidi tan-nitroġenu alifatiku
		Fungiċidi tal-ammid
		Fungiċidi tal-anilid
		Fungiċidi aromatiċi
		Fungiċidi tad-dikarbossimmid
		Fungiċidi tad-dinitroanilina
		Fungiċidi tad-dinitrofenol
		Fungiċidi organofosforiċi
		Fungiċidi tal-ossażol
		Fungiċidi tal-fenilpirrol
		Fungiċidi tal-ftalimmid
		Fungiċidi tal-pirimidina
		Fungiċidi tal-kinolina
		Fungiċidi tal-kinon
		Fungiċidi tal-istrobilurina
		Fungiċidi tal-urea
		Fungiċidi mhux klassifikati
Erbiċidi, prodotti għall-irmondar u prodotti li joqtlu l-muski		
	Erbiċidi bbażati fuq il-fenossifitoormoni	
		Erbiċidi tal-fenossi
		Erbiċidi oħra bbażati fuq il-fenossifitoormoni
	Erbiċidi bbażati fuq it-triażini u t-triażinoni	
		Erbiċidi tat-triażina
		Erbiċidi tat-triażinon
		Erbiċidi oħra bbażati fuq it-triażini u t-triażinoni
	Erbiċidi bbażati fuq l-ammidi u l-anilidi	
		Erbiċidi tal-ammid
		Erbiċidi tal-anilide
		Erbiċidi tal-kloroaċetanilide

		Erbiċidi oħra bbażati fuq l-ammidi u l-anilidi
	Erbiċidi bbażati fuq il-karbamati u l-biskarbamati	
		Erbiċidi tal-biskarbamat
		Erbiċidi tal-karbamat
		Erbiċidi oħra bbażati fuq il-karbamati u l-biskarbamati
	Erbiċidi bbażati fuq id-derivattivi tad-dinitroanilina	
		Erbiċidi tad-dinitroanilina
		Erbiċidi oħra bbażati fuq id-derivattivi tad-dinitroanilina
	Erbiċidi bbażati fuq id-derivattivi tal-urea, tal-uraċil jew tas-sulfonilurea	
		Erbiċidi tas-sulfonilurea
		Erbiċidi tal-uraċil
		Erbiċidi tal-urea
		Erbiċidi oħra bbażati fuq id-derivattivi tal-urea, tal-uraċil jew tas-sulfonilurea
	Erbiċidi oħra	
		Erbiċidi tal-arilossifenossi-propjoniku
		Erbiċidi tal-benżofuran
		Erbiċidi tal-aċidu benżojku
		Erbiċidi tal-bipridilju
		Erbiċidi taċ-ċikloeżandjon
		Erbiċidi tad-diażina
		Erbiċidi tad-dikarbossimid
		Erbiċidi tal-etere tad-difenil
		Erbiċidi tal-imidażolinon
		Erbiċidi inorganiċi
		Erbiċidi tal-isossażol
		Erbiċidi tan-nitril
		Erbiċidi organofosforiċi
		Erbiċidi tal-fenilpirażol
		Erbiċidi tal-piridażinon
		Erbiċidi tal-piridinkarbossammid

		Erbiċidi tal-aċidu piridinkarbossiliku
		Erbiċidi tal-aċidu piridilossiaċetiku
		Erbiċidi tal-kinolina
		Erbiċidi tat-tijadiażina
		Erbiċidi tat-tijokarbamat
		Erbiċidi tat-triażol
		Erbiċidi tat-triażolinon
		Erbiċidi tat-triażolon
		Erbiċidi tat-triketon
		Erbiċidi mhux klassifikati
Insettiċidi u akariċidi		
	Insettiċidi bbażati fuq il-piretrojdi	
		Insettiċidi tal-piretrojde
		Insettiċidi oħra bbażati fuq il-piretrjodi
	Insettiċidi bbażati fuq l-idrokarburi klorinati	
		Insettiċidi tad-diammid antraniliku
		Insettiċidi oħra bbażati fuq l-idrokarburu klorinati
	Insettiċidi bbażati fuq il-karbamati u l-ossimakarbamat	
		Insettiċidi tal-ossikarbamat
		Insettiċidi tal-karbamat
		Insettiċidi oħra bbażati fuq il-karbamat u l-ossikarbamat
	Insettiċidi bbażati fuq l-organofosfati	
		Insettiċidi organofosforiċi
		Insettiċidi oħra bbażati fuq l-organofosfati
	Insettiċidi ta' oriġini mikrobijoloġika jew botanika	
		Insettiċidi mikrobikoloġiċi
		Insettiċidi botaniċi
		Insettiċidi oħra ta' oriġini mikrobijoloġika jew botanika

	Akariċidi	
		Akariċidi tal-pirażol
		Akariċidi tat-tetrażina
		Akariċidi oħra
	Insettiċidi oħra	
		Insettiċidi prodotti bil-fermentazzjoni
		Insettiċidi tal-benżojlurea
		Insettiċidi tal-karbażat
		Insettiċidi tad-diażilidrażina
		Regolaturi tat-tkabbir tal-insetti
		Insettiċidi tan-nitrogwanidina
		Insettiċidi tal-organotin
		Insettiċidi tal-ossadiażina
		Insettiċidi tal-fenil-etere
		Insettiċidi tal-pirażol (fenil-)
		Insettiċidi tal-piridina
		Insettiċidi tal-piridilmetilammina
		Insettiċidi tal-ester tas-sulfit
		Insettiċidi tal-aċidu tetroniku
		Feromoni tal-pesti lepidopteri b'katina dritta (sclps) li jattiraw l-insetti
		Attrattanti oħra tal-insetti
		Insettiċidi-akariċidi mhux klassifikati
Molluskiċidi		
	Molluskiċidi	
		Molluskiċidi
Regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti		
	Regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti fiżjoloġiċi	
		Regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti fiżjoloġiċi
		Regolaturi oħra tat-tkabbir tal-pjanti fiżjoloġiċi
	Prodotti kontra t-tinbit	
		Prodotti kontra t-tinbit

		Prodotti oħra kontra t-tinbit
	Regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti oħrajn	
		Regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti oħrajn
Prodotti oħrajn għall-protezzjoni tal-pjanti		
	Żjut veġetali	
		Żjut veġetali
	Sterilanti tal-ħamrija (inkluż in-nematiċidi)	
		Bromur tal-metil
		Nematiċidi bijoloġiċi
		Nematiċidi organofosforiċi
		Sterilanti oħra tal-ħamrija
	Rodentiċidi	
		Rodentiċidi
	Il-prodotti l-oħrajn kollha għall-protezzjoni tal-pjanti	
		Diżinfettanti
		Repellenti
		Prodotti oħrajn għall-protezzjoni tal-pjanti

([1]) Tapplika wkoll għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ta' oriġini mikrobijoloġika jew botanika, għal skopijiet ta' armonizzazzjoni

ANNESS III

DESKRIZZJONIJIET

Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti huwa prodott fil-forma li fiha jiġi fornut lill-utent, li jikkonsisti minn jew li fih sustanzi attivi, aġenti protettivi jew sinerġisti, u huwa maħsub għal wieħed mill-użi deskritti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Sustanzi attivi: tfisser sustanzi attivi kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Tqegħid fis-suq: tfisser tqegħid fis-suq kif definit fil-punt 9 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Għelejjel: tfisser għelejjel agrikoli, kif deskritt fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1538 ([1]).

Klassifikazzjoni tas-sustanzi attivi inklużi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: aggregazzjoni ta' sustanzi attivi minn gruppi maġġuri, kategoriji ta' prodotti u klassijiet kimiċi.

Sena tal-ħsad: Is-sena kalendarja li fiha jibda l-ħsad, inkluż il-perjodu li matulu jittieħdu l-miżuri preparatorji kollha (bħall-ħdim tar-raba', it-tħawwil, u l-applikazzjoni ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti) biex jiġi żgurat dak il-ħsad, anke matul is-sena kalendarja preċedenti.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1538 tal-25 ta' Lulju 2023 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istatistika dwar il-produzzjoni tal-għelejjel (ara paġna 40 ta' dan il-ĠU).